MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1799/2004

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Donald Muscat**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm475.82c (erba’ mija u hamsa u sebghin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu) rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta’ attrici lill-konvenut in konnessjoni ma’ mobile phone bin-numru 9945 5549.

Il-konvenut interpellat sabiex ihallas diversi drabi baqa’ nadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ l-Avviz tat-talba u bl-

interessi kontra l-konvenut mid-data meta l-ammont pretiz fit-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Dr Nadia Borg tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------